MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 1759/2005

**Middle Sea Insrance Plc Reg C5553**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha**
**Black Gold Saloon Ltd**

**vs**

**Emmanuel Borg u b'digriet tat-Tribunal tal-24 ta' Ottubru 2012**
**assumiet l-atti Jane Borg ghan-nom ta' Emmanuel Borg.**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' attrici qeghda, *qua* assikuratrici, titlob minghand il-konvenut irrifuzjoni tas-somma ta' sitt mitt lira maltin (LM600) (jew somma verjuri) rapprezentanti hlas li hi ghamlet lill-assikurat taghha ghal hsara li dan garrab fil-fond tieghu *Black Gold Saloon*, ix-xatt tal-Gzira, fir-23 ta' Frar 2005 ghal liema hsara kien

responsabbli li konvenut jew persuni nkarigati minnu. Bl-ispejjes u l-imghax.

**Ra** r-RISPOSTA li giha l-konvenut cahad li kien responsabbli ghad-danni msemmija mis-socjeta' attrici.

**<u>II PROVI</u>**

1. **<u>Christopher Hayes</u>** ipprezenta d-Dok CH1-5 (*a fol* 14-18) dwar danni, inkorporanti Rapport li hu *self-explanatory*. *A fol* 24-26 u 29-33 hemm duplikar tal-istess dokumenti.

2. **<u>John Bonnici</u>**, li esibixxa d-Dokumenti *a fol* 29-33 spjega li s-socjeta' attrici hallset LM432 lill-assikurat taghha, inkorriet €43 *survey fees* u l-assikurat kellu *excess* ta' LM50. Ghalhekk is-somma pretiza hi ta' LM525.

3. **<u>John Stivala</u>**, propretarju tal-*Black Gold Saloon*, qal li fi Frar 2005 kien fil-fond tieghu u sama xoghlijiet fil-fond ta' warajh (tal-konvenut). F'daqqa wahda dahal ilma fuq il-*plasma screen* fil-fond tieghu u dan intefa. Dan kien assikurat mas-socjeta' attrici li baghtu *surveyors*, hadu r-ritratti u saret it-tiswija.

4. **<u>Adrian Stivala</u>** qal li hu jahdem fil-Black Gold Saloon fejn hu wkoll direttur. Dahal responsabbli fl-24 ta' Ottubru 2006, izda kien jaccedi fuq il-post anke qabel l-incident imsemmi. Xi erbat ijiem wara l-incident kien staqsa dwar il-hsara fuq it-tv u qalulu li kien ixxarrab. Qabel dahal responsabbli hu, kien hemm Alfred Schemrbi u mbaghad il-licenza nqalbet minn fuq dan ghal fuq ix-xhud (Dok AS1 *a fol* 63)

5. **<u>Sandro Montebello</u>** qal li fi Frar 2005 kien barman fil-*Black Gold Saloon*. Billi ghadda z-zmien ma jiftakarx dettalji imma jaf li kien dahal xi ilma minn mal-hajt u, jekk jiftakar sew, l-ilma ghamel hsara fit-tv li kellhom mal-hajt.

6. Il-**<u>konvenut Emanuel Borg,</u>** li xehed fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2010 qal li qabel dahal fil-fond nru 8, Telgha ta'

Belvedere, Sliema (li jigi dahar ma dahar mal-*Black Gold Saloon*). Xi erba snin qabel xehed, kien ghamel xi xoghlijiet fil-fond imsemmi. Hu eskluda li mill-fond tieghu sata dahal xi ilma fil-fond l-iehor u dana billi hu bena fis-sajf. Fejn jinghad li dahal l-ilma hu hajt dobblu. Fit-23 ta' Frar 2005 hu anqas kellu provvista tal-ilma fil-fond tighu. L-uniku ilma li kien hemm kien ilma f'tank li l-bennejja kienu qed juzaw. Dak iz-zmien kien ibaqqan hajt li ma kienx dak li jmiss mal-Black Gold Saloon.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL ihoss li hu soddisfacentement pruvat, u hu konvint li fil-fond Black Gold Saloon, fix-xatt tal-Gzira, dahal ilma meta kienu qed isiru xoghlijiet fil-fond kontigwu (dahar ma dahar) tal-konvenut. Dan l-ilma dahal f'dahar (hajt) li mieghu l-attur kellu tc (*plasma screen*) u dan safa mxarrab u htieg tiswijiet.

2. Sid ta' fond ma jistax izomm gar tieghu milli jaghmel xoghlijiet izda l-gar irid joqghod attent u jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex bix-xoghlijiet ma jigux kawzati danni lill-gar. Jekk jigi, il-gar irid jaghmel tajjeb ghad-danni mgarrba.

3. Hawn irid jigi notat li sid il-fond (i.e. il-gar) irid joqghod attent biex ma jikkagunax hsarat hu u jrid jissorvelja biex ma jikkagunax hsara dak li hu jqabbad biex materjament jaghmel ix-xoghlijiet.

4. Fil-kaz prezenti il-konvenut qighed, izda ma jirnexxilux, ifarfar minn kull responsabilta'.

5. Ghalhekk it-TRIBUNAL jiddeciedi li l-konvenut irid iwiegeb ghad-danni mgarrba mill-attur minhabba nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-konvenut.

6. Dwar *quantum* ta' danni, it-TRIBUNAL ihoss li ghandu joqghod fuq ix-xhieda ta' John Bonnici li tiddettalja (ara *para 2* taht provi *supra*) d-danni hekk:-

Dak imhallas mis-socjeta' attrici
LM432.00
Survey Fees
LM 43.00
*Excess* (a kariku tal-assikurat)
<u>LM 50.00</u>

LM525.00

Dawn ic-cifri huma muniti (bla ma l-konvenut ikkontestahom) bid-dokumenti aktar minn darba (ara *para* 1 u 2 taht PROVI *sopra*).

**<u>DECIZJONI</u>**

Meqjus dak kollu migjub hawn fuq it-TRIBUNAL **<u>jiddeciedi</u>** billi (1) **<u>jichad</u>** l-eccezzjoni tal-konvenut (2) **<u>jilqa'</u>** t-talba tas-socjeta attrici u **<u>jikkundanna</u>** lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-*quantum* ta' LM525 issa elf, mitejn, tnejn u ghoxrin Ewro tnejn u disghin centezmi (€1,222.92c) b'dana li minn dan l-ammont hi trid tirrifondi lill-assikurat taghha l-excess ta' LM50 issa mija sittax-il Ewro sitta u erbghin centezmi (€116.46c) u (3) **<u>tikkundanna</u>** lill-konvenut ihallas fuq il-*quantum* imsemmi mghax sal-jum tal-pagament effettiv, b'dana li l-quantum irid jithallas fi zmien sittax-il jum mil-lum u (4) **<u>tikkundanna</u>** lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes tal-kawza u dawk l-ohra mitluba fl-AVVIZ.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------